MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 130/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**William Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra William Camilleri talli;

1) bejn Novembru 2004 u Dicembru 2004, gewwa Sliema, San Giljan u gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

2) talli fis-17 ta' Novembru ghall-habta ta' 19.15 hrs, seraq libsa ghall-valur ta' Lm26.95 minn gewwa Miss

Selfridge, Triq Bisazza, Sliema, ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-hin;

3) u aktar talli f'Novembru 2004, seraq tlett nuccalijiet li l-valur taghhom jeccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma jeccedix il-mitt lira Maltin (Lm100) minn gewwa Book Bites, Triq Ix-Xatt, Gzira, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut;

4) u aktar talli fil-11 ta' Dicembru 2004, ghall-habta tas-19.30 hrs, seraq cordless telephone ghall-valur ta' Lm70.00 minn gewwa Digital 2000, Plaza Complex, Triq Bisazza, Sliema, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-hin;

5) u aktar talli fit-13 ta' Dicembru 2004, ghall-habta tas-13:20 hrs, seraq fwieha ghall-valur ta' Lm8.60 minn gewwa Frank 57, Plaza Complex, Triq Bisazza, Sliema, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut;

6) u aktar talli f'Dicembru 2004, seraq zewg nuccalijiet li l-valur taghhom jeccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma jeccedix il-mitt liri Maltin (Lm100) minn gewwa CBL Stationery, Triq Wilga, Paceville, San Giljan, ghad-dannu tal-istess hanut;

7) u aktar talli fit-13 ta' Dicembru 2004, u fix-xhur u fil-granet ta' qabel, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100) mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

8) u aktar talli b'hekk jitqies recidiv b'sentenzi datati 04 ta' Frar 1994, 03 ta' Ottubru 1997, 29 ta' Mejju 1997 u 31 ta' Jannar 1997, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi William Camilleri hati

ta' l-imputazzjonijiet kollha hlief dik ta' ricettazzjoni u li dwarha l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi l-ohra, u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) u rrakkommandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-appellant (allura imputat) dawk il-facilitajiet kollha necessarji sabiex ikun jista' jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi William Camilleri pprezentat fil-25 ta' April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja is-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabitu hati ghat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u t-tmien imputazzjonijiet u lliberatu mis-seba' tar-ricettazzjoni u tirrevokaha in kwantu din ma lliberatux mill-ewwel imputazzjoni u in kwantu din ikkundannatu ghal sentejn prigunerija, b'dan li ghandu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni u tigi ridotta l-piena applikabbli skond kif din il-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi;

Rat ir-rikors ta' appell iehor ta' l-istess William Camilleri pprezentat fis-26 ta' April 2005;

Semghet u rat il-verbal tal-15 ta' Lulju 2005 fejn Dott. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-appellant irtira r-rikors ta' appell tas-26 ta' April 2005 u assocja ruhu ma' Dott. Leslie Cuschieri fl-atti tar-rikors ta' appell tal25 ta' April 2005;

Rat id-digriet tal-15 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta' appell imsemmi tas-26 ta' April 2005;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa dwar kif l-ewwel Qorti ghaqqdet l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet stante li l-

ewwel imputazzjoni kif dedotta mill-prosekuzzjoni ma taghmilx sens u ma tinftiehimx. Ghalhekk, isostni l-appellant, ghandu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni.

Huwa minnu li dik li hija enumerata bhala l-ewwel imputazzjoni fl-akkuza, wahedha ma tikkostitwix reat. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti mbaghad donnha erronejament ghaqqdet dawk li fl-akkuza kienu enumerati bhala numru wiehed (1) u numru tnejn (2) bhala imputazzjoni wahda. M'hemm l-ebda dubbju pero`, li dak li kellu f'mohhu l-prosekutur kien li, ghar-rigward tad-diversi serqiet addebitati lill-appellant, jaghtih il-beneficcju tar-reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Sahansitra, nonostante l-izball inizjali ta' min irrediga l-akkuza li jenumera dik li hija premessa ghar-reati addebitati lill-appellant, fl-ahhar tal-paragrafu numru wiehed (1) hemm *colon* (kuntrarjament ghall-paragrafi l-ohra li jispiccaw b'*semi-colon*). Minn qari ta' l-akkuza ghalhekk jirrizulta li l-imputazzjonijiet enumerati min-numru tnejn (2) san-numru sitta (6) ghandhom jigu kkunsidrati bhala reat kontinwat.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li ghalkemm l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-proceduri ghal tliet imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan il-fatt meta giet biex tinfliggi l-piena.

Huwa veru li l-appellant ammetta ghat-tliet imputazzjonijiet li jirrigwardaw ir-reat ta' serq semplici fi stadju bikri tal-proceduri, izda kif gie ritenut (minn din il-Qorti kolleggjalment komposta) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri** tal-5 ta' Lulju 2002, "l-ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena". Fil-kaz in ezami, fejn l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet li kienu jirrigwardaw kazijiet ta' serq semplici, huwa ma ammettiex dawk li kienu jirrigwardaw kazijiet ta' serq aggravat. Barra minn hekk meta xehed quddiem l-ewwel Qorti fl-14 ta' April 2005 ma jidhirx li kien wisq propens li jammetti. Difatti qal: "id-dati ta' meta ssemmew li nsterqu l-affarijiet j'Alla kinux l-istess dati li kont il-habs jiena." Ghalhekk din il-Qorti mhijiex tal-fehma

li l-appellant ghandu jinghata xi beneficcju minhabba l-ammissjoni li rregistra dwar reati minuri.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-piena nflitta hija esagerata konsiderando li si trattava ta' serqiet zghar.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellant instab hati ta' hames serqiet (tnejn ikkwalifikati bil-hin u tlieta serqiet semplici). Ghall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 il-Qorti se tikkunsidra l-piena applikabbli ghal serq ikkwalifikat bil-hin. Il-piena hija, skond l-artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali, ta' prigunerija ghal zmien minn seba' xhur sa sentejn. B'zieda ta' grad a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 din il-piena titla' ghal zmien minn disa' xhur sa tliet snin u b'zieda ta' zewg gradi ghal zmien minn tlettax-il xahar sa erba' snin. Bl-addebitu tar-recidiva mbaghad il-piena tista' terga' tizdied bi grad a tenur ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, u cioe` ghal prigunerija ghal zmien minn tmintax-il xahar sa hames snin.

Ghall-korrettezza jigi osservat li r-recidiva a tenur ta' l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tapplika biss fir-rigward tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Jannar 1997 li permezz taghha kien inghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u dik ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta' Ottubru 1997 fejn ikkonfermat sentenza ta' prigunerija ta' erba' snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (u allura meta kkommetta r-reati odjerni ma kinux ghaddew hames snin minn meta kien "skonta" dawk il-pieni). Fil-kaz tas-sentenza ta' l-4 ta' Frar 1994 fejn kien wehel multa ta' Lm500 li gew konvertiti f'mitt jum

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

detenzjoni b'digriet tal-21 ta' Mejju 1997 tapplika biss ir-recidiva generali skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali filwaqt li dwar is-sentenza tad-29 ta' Mejju 1997 ma tapplikax ir-recidiva peress li hemm din il-Qorti diversament presjeduta kienet illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tliet snin skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 u l-*probation*, il-*conditional discharge* u l-*absolute discharge* mhumiex meqjusin bhala dikjarazzjonijiet ta' htija hlief ghal dak provdut fl-istess ligi[2].

Mis-suespost ghalhekk jirrizulta li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija sew entro l-parametri stabbiliti mil-ligi, anzi vicin sew il-minimu. L-appellant sfortunatament ghandu hajja refrattarja kif tixhed il-fedina penali tieghu. Hekk bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Ottubru 1997 ga` citata huwa gie kkundannat erba' snin prigunerija dwar, *inter alia*, serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Marzu 1995 gie kkundannat ihallas multa ta' Lm350 dwar pussess tad-droga eroina. B'sentenza tas-16 ta' Novembru 1995 tal-Qorti tal-Magistrati gie kkundannat ihallas multa ohra ta' Lm200 dwar pussess tad-droga eroina. Mill-fedina penali jirrizulta wkoll li l-appellant diga` bbenefika minn *conditional discharge* darbtejn (sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Lulju 1990 dwar pussess tad-droga eroina u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Mejju 1997 dwar tentattiv ta' serq ta' vettura u hsara volontarja fl-istess), *probation* (sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-24 ta' Frar 1995 dwar pussess tad-droga eroina), u sentenza sospiza ta' prigunerija (sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-31 ta' Jannar 1997 dwar frodi b'eghmil qarrieqi u serq ta' *cheque books* u oggetti ohra minn vetturi).

Din il-Qorti inoltre temmen li kazijiet ta' serq ma jistghux jigu ttrattati leggerment u li s-socjeta` trid b'xi mod tinghata protezzjoni; ghalhekk l-element deterrent fl-erogazzjoni tal-piena f'tali kazijiet jassumi importanza.

---

[2] Artikolu 12 tal-Kap. 152 u llum l-artikolu 25 tal-Kap. 446.

Konsegwentement f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena nflitta minnha fuq l-appellant, salv il-provvediment opportun li sejjer jinghata minhabba l-problema tad-droga u/jew alkohol li jidher li ghandu l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-beneficcju tar-reat kontinwat huwa applikabbli fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet enumerati minn tnejn (2) sa sitta (6) u l-imputazzjoni tar-recidiva tirrigwarda biss is-sentenzi ta' l-4 ta' Frar 1994, 3 ta' Ottubru 1997 u 31 ta' Jannar 1997 u mhux ukoll dik tad-29 ta' Mejju 1997. Tikkonferma wkoll ir-rakkommandazzjoni ta' l-ewwel Qorti sabiex id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minnufih jiehu l-passi kollha mehtiega sabiex l-appellant jinghata l-ghajnuna kollha necessarja minhabba l-problema tad-droga u/jew alkohol u b'hekk ikun jista' jsegwi anke programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------